# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru: 7**

**Rikors Numru: 155/12 RM**

**Marie Louise Carabott**

**v.**

**Joseph Carabott**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fl-10 ta' Dicembru 2015 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:

"**Il-Qorti,**

"Rat ir-rikors guramentat tal-attrici pprezentat fis-6 ta' Lulju 2012, fejn ippremettiet u talbet is-segwenti:

“1. Illi l-esponenti izzewget lill-intimat Joseph Carabott fl-20 ta' Marzu 1994 u minn dan iz-zwieg, u cioe' fil-11 ta' Mejju, 2003, kellhom tifel li jismu Ryan Carabott.

“2. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, eccessi, sevizzi, ngurji gravi, swat, mohqrija, abbandun, u minhabba li l-hajja matrimonjali tfarrket irrimedjabilment.

“3. Illi l-tifel minuri Ryan jabita ma' ommu l-esponenti u l-intimat ghandu access liberu ghall-ibnu.

“4. Illi b'digriet ta' 1-14 ta' Novembru 2011 dina l-Onorabbli Qorti ordna illi l-kura u l-kustodja ghandha tkun wahda kongunta u ordnat lill-intimat ihallas lir-rikorrenti bhala kontribut tieghu ghall-manteniment tat-tifel is-somma ta' €150 kull erba gimghat oltre nofs l-ispejjez edukattivi u medici.

“5. Illi l-esponent qed tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewggha u dana wara li b'Digriet tad-9 ta' Mejju 2012 dina l-Onorabbli Qorti ddikjarat maghluqa l-medjazzjoni ta' bejn il-kontendenti u awtorizzatha tipprocedi bil-kawza opportuna.

“Ghaldaqstant l-attrici titlob lill-Qorti :

“1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut Joseph Carabott.

“2. Tafdalha l-kura u l-kustodja tal-minuri Ryan Carabott salv id-dritt ta' access lill-missier l-intimat.

“3. Tiddikjara li l-esponenti ghandha l-jedd li ggieghel lill-intimat zewggha li, f’kull kaz, jaghtiha manteniment bis-sahha ta' l-obbligu li jitnissel miz-zwieg.

“4. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici ghat-tifel minuri Ryan Carabott b'ordni li tali manteniment jinqata' mis-salarju ta' l-intimat u jithallas direttament lill-esponenti.

“5. Tordna lill-konvenut sabiex okkorrendo jhallas jew jikkonsenja lill-esponenti l-proprjeta' parafernali taghha.

“6. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tiddividi u tassenja l-istess f’zewg porzjonijiet ugwali.

“7. Tapplika kontra l-konvenut, interamentjew in parte, d-dispozizzjonijiet ta' 1-Artikoli 48 u/jew 50 sa 55A tal-Kodici Civili.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

“Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut ippresentata fil-15 ta’ Frar 2013 fejn issottometta s-segwenti:

“1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti, l-eccipjent ma jopponix illi tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Carabott, dana pero' ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-istess rikorrenti li rrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-istess esponent ta' adulterju, sevizzi, eccessi, mohqrija, theddid u ingurji gravi u li b'rizultat iz-zwieg tkisser irremedjabilment;

“2. Illi fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti, l-eccipjent jopponi illi l-kura u 1-kustodja tat-tifel minuri Ryan Carabott ghandha tigi fdata unikament lill-attrici izda ghandha tibqa' wahda kongunta b'dan li d-dritt ta' access lill-esponent ghall-minuri jkun wiehed liberu;

“3. Illi fir-rigward tat-tielet talba tar-rikorrenti in kwantu ghall-jedd illi ggieghel lill-intimat zewgha li f'kull kaz, jaghtiha manteniment, din ghandha tigi michuda stante li ma tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi li tispetta l-esponent li huwa ghandu b'xi mod jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-istess rikorrenti;

“4. Illi fir-rigward tar-raba' talba, l-eccipjent ma jopponix illi ghandu jithallas manteniment lill-attrici ghat-tifel minuri Ryan Carabott b'dan illi l-obbligu tal-manteniment jispetta liz-zewg kontendenti ugwalment ;

“5. Illi fir-rigward tal-hames talba, il-konvenut jichad illi ghandu xi proprjeta’ parafernali li tappartjeni lill-attrici, stante illi l-proprjeta kollha tal-konjugi Carabott, kemrn dik parafernali kif ukoll l-akkwisti illi saru fiz-zwieg tinsab kollha ghand l-attrici;

“6. Illi fir-rigward tas-sitt talba, l-esponent jaqbel li ghandha tigi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti izda li din ghandha tigi assenjata lill-partijiet ugwalment;

“7. Illi fir-rigward tas-seba' talba, ma tezisti l-ebda raguni ghala s-sanzjonijiet kontemplati taht l-Artikoli 48 u/jew 50 sa 55A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta citati mir-rikorrenti ghandhom jigu applikati in toto jew in parte kontra l-esponent, liema sanzjonijiet pero' kif kontemplati f'dawn l-artikoli ghandhom jigu applikati fil-konfront tar-rikorrenti;

“8. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

“Illi l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti esklussivament.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat il-kontrotalba tal-konvenut, ippresentata fil-15 ta’ Frar 2013, fejn ippremetta u talab is-segwenti:

“1. Illi l-esponent qieghed jipprevalixxi ruhu mill-istanza attrici u qed jippromwovi din it-talba rikonvezzjonali tieghu sabiex jikkawtela l-interessi tieghu;

“2. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija u erbgha u disghin (1994) fil-Knisja Parrokkjali ta' Marsaxlokk minn liema zwieg twieled il-minuri Ryan Carabott;

“3. Illi l-esponent ghamel hafna spejjez rapprezentanti benefikati fil-propjeta' parafernali tal-attrici rikonvenzjonata, ghal-liema spejjez l-istess attrici ghandha taghmel tajjeb, u dan fil-valur ta' madwar ghoxrin elf euro (€20,000);

“4. Inoltre, l-esponent dejjem ghamel tajjeb ghas-self li l-partijiet hadu minghand is-socjetajiet Bank of Valletta p.l.c. kif ukoll HSBC Bank Malta p.l.c. matul iz-zwieg taghhom, mil-liema djun prezenzjalment hemm bilanc li jilhaq it-tmint elef, hames mija u sebghin euro u tlieta u tmenin centezmu (€8570.83);

“5. Illi inoltre, jezisti dejn ma' oht l-esponent Marica Caruana fl-ammont ta' sitt elef euro (€6,000), liema self sar ghall-beneficcju taz-zewg partijiet matul iz-zwieg taghhom;

“6. Illi hemm ukoll bilanc mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni - Malta rapprezentanti taxxa dovuta lid-Dipartiment kif ukoll interessi li lahqu ddekkorew fl-ammont ta' sitt elef, erba' mija u tlieta u erbghin euro (€6443);

“7. Illi l-attrici rikonvenzjonata irrendiet hatja fil-konfront tal-esponent ta' adulterju, sevizzi, ingurji gravi, eccessi u mohqrija u ghalhekk iz-zwieg tkisser irremedjabilment;

“8. Illi ghalhekk kellha ssir din it-talba rikonvenzjonali;

“Illi r-raguni ta' din it-talba hija li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-istess attrici rikonvenzjonata u ghalhekk ghandha tigi pronunzjata separazzjoni personali bejn il-kontendenti prevja li tigi xjolta il-komunjoni tal-akkwisti u li jsir dak kollu mehtieg konsegwenza ta' tali separazzjoni, filwaqt li l-istess attrici tigi kkundannata thallas somma lill-esponenti ghall-ispejjez li hu ghamel fil-beni parafernali taghha;

“Tghid ghalhekk ir-rikorrenti rikonvenzjonata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

“1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi imputabbli lill-istess rikorrenti rikonvenzjonata;

“2. Tapplika in toto jew in parte kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata l-effetti kollha tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 54 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

“3. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess b'mod li tigi assenjata ugwalment bejn iz-zewg partijiet;

“4. Tillikwida l-krediti kollha dovuti mill-komunjoni tal-akkwisti u tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata thallas sehernha;

“5. Tordna lill-istess rikorrenti rikonvenzjonata tirrestitwixxi lill-esponent kwalunkwe beni u krediti parafemali tieghu jew il-valur rispettiv taghhom fi flus.

“Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti rikonvenzjonata li qieghdha minn issa tigi ingunta ghas-subizzjoni.

“Rat ir-risposta tal-attrici ghall-kontrotalba tal-konvenut fejn iddikjarat is-segwenti:

“1. Illi l-esponenti ma topponiex ghas-separazzjoni personali rikjesta mill-konvenut zewggha u li ghandha tinghata ghall-ragunijiet unikament imputabbli lill-istess konvenut.

“2. Illi l-akbar ingurja gravi li setgha jaghmlilha l-konvenut kienet meta f'dawn il-proceduri huwa akkuzaha b'adulterju meta l-adulterju kkomettih hu ma' Marie Louise Muscat li kienet il-kagun tal-firda taghhom. Li ghamel l-intimat qed jipprova jattribwih lill-esponenti.

“3. Illi huwa naudit li l-konvenut ma jridx ihallas manteniment ghall-ibnu minuri Ryan. Il-€150 kull erba gimghat li jikkontribwixxi l-intimat ghal ibnu in forza ta' Digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti ta' 1-14 ta' Novembru 2011 huwa biss parti minn dak li tohrog l-esponenti ghall-bzonnijiet tat-tifel li jghix ma' ommu.

“4. Illi l-esponenti mhijiex qed topponi ghat-terminazzjoni u xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom b'dana pero' li hija mhijiex disposta taghmel tajjeb ghal dak id-dejn li ghamel l-intimat biex jissodisfa l-avventuri amoruzi tieghu.

“5. Illi l-esponenti ma ghandha l-ebda proprjeta' parafernali li fuqha l-konvenut ghamel benefikati .

“6. Salv risposta ulterjuri premessa mil-ligi.

“Rat il-verbal registrat fis-seduta tad-9 ta’ April 3013, fejn gie nominat bhala Assistent Giudizzjarju l-avukat Dottor Kenneth Gulia;

“Rat in-nota tal-attrici pprezentata fid-9 ta’ April 2013, li biha pprezentat l-affidavit taghha u id-dokumenti markati C, D, E, F, G1, G2 u G3;

“Rat il-kuntratt ippubblikat min-nutar Dottor Sandra Bugeja fit-2 ta’ Ottubru 2007, li permezz tieghu il-partijiet xtraw il-garage 12, Triq Salvu Cachia Zammit, Birzebbuga bil-prezz ta’ Euro26787.79.;

Rat ir-rapport li l-attrici ghamlet mal-Pulizija fil-25 ta’ Ottubru 2011 u c-certifikat mediku dwar il-ferita hafifa li sofra missierha George Polidano, rilaxxjat mit-tabib Dottor Aldo Fiorini, fl-istess gurnata;

“Rat ix-xhieda tar-rapprezentanti tal-banek li xehdu fis-seduta tal-20 ta’ Mejju 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Audrey Ghigo ghall-HSBC Bank Malta plc, David Galea ghall-APS Bank, Romuald Attard ghall-Bank of Valletta plc, u Jeanette Lepre ghall-Lombard Bank Malta plc, u id-dokumenti minnhom ipprezentati;

“Rat ir-rapport tal Perit Edric Micallef fol.531 li ddikjara li l-valur tal-garage hu ta’ Euro48,000.

“Rat ix-xhieda tal- konvnut li xehed  in subizzjoni fis-seduta tat-18 ta’ Novembru 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

“Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-6 ta’ Gunju 2014, mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju fejn il-partijiet qablu li il-vettura JOE 394 tigi assenjata lir-ragel  u li l-affarjiet li nxtraw matul iz-zwieg u li jinsabu fid-dar matrimonjali jigu assenjati lill-mara;

“Rat ix-xhieda ta’ John Micallef ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

“Rat l-affidavit tal-konvenut, fol.597 tal-process, u il-kontroezami tieghu li sar fis-seduta tas-6 ta’ Novembru 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attrici;

“Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut,

“Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

“Rat l-atti kollha;

“Ikkunsidrat;

“**IL-PROVI.**

“Fl-affidavit taghha, fol.34 et seq, l-attrici ddikjarat li ltaqghet mall-konvenut fin-1992, meta kien jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha, damu gharajjes sentejn u zzewgu fl-20 ta’ Marzu 1994. Marru jghixu

ghand il-genituri taghha, li kienu jokkupaw b'kera il-fond 139, Seaview, Triq Santa Caterina Birzebbuga, bnew zewgt ikmamar fuq is-sular esistenti, l-ispejjez harguhom il-genituri taghha, hu hi u l-konvenut xtraw l-ghamara. Hi kkonfermat li waqt iz-zwieg xtraw s-segwenti;

"1. Ghamara, cioe' kamra tas-sodda, salott u accessorji tad-dar, television u dvd player.
"2. Il-garage 12 Marjoe, Triq Salvatore Cachia Zammit, Birzebbugia.
"3. Karozza Kia Klarus JOE 394 li jsuq il-konvenut u Maruti LCA 189 li ssuq l-attrici.
"4. Dghajsa li l-konvenut biegh ghal Euro3,000, li minnhom ta' lill-attrici Euro100.
"5. Mazzra fil-bajja ta' San Gorg, Birzebbugia li l-konvenut qed jikri lil terzi.

"Damu jirrisjedu mal-genituri tal-attrici ghal sbatax-il sena u l-genituri taghha qatt ma ppretendew flus, la tal-kera u l-anqas tad-dawl u l-ilma.

"Fil-11 ta' Mejju 2003 twieled l-uniku tifel taghhom, Ryan, hi baqghet tahdem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u hu kien jahdem barra fuq l-oil rigs. Kien hemm okkazjoni meta marru ghand ohtu Doreen, fejn kien hemm il-habiba taghha, Marie Louise Muscat. Ftit zmien wara l-konvenut qal li cemplitlu ohtu biex jmur jirranga xi kanen ghand din Marie Louise Muscat u f' Lulju 2010 xtara laptop biex jkun jista' jikkomunika ma' l-attrici u binhom meta jkun qed jahdem barra minn Malta. Ftit wara spicca mix-xoghol ta' fuq ir-rigs u sab impieg ma J F Security f'Ottubru 2010.

"Beda jqatta' hafna hin fuq l-laptop, iddistakka ruhu mill-familja, sar nervuz, jekk tkellmu jirrabbja. Beda jahdem bil-lejl u anke jissosstitwixxi lil haddiehor. L-attrici bdiet tissuspetta b'dan l-atteggjament u meta darba cempllitlu minn fuq ix-xoghol qalilha li kien 'chatting fuq l-internet'. Bdiet tissuspetta fih meta rat messagg ta' ohtu fuq il-mobile 'tinsiex thassar il-messagg'. Fi Frar 2011 ghalkemm kien ghadhom flimkien bil-kemm kienu jiltaqghu billi kien jmur ghax-xoghol qabel ma tirritorna l-attrici u beda jibaghatilha messaggi strambi, li jahrab mid-dar u jsib flat ghalih wahdu. L-attrici talbitu spjegazzjoni ghal dan l-atteggjament izda hu kien jharsilha bl-ikrah u ma jghidilha xejn. Fl-1 ta' April 2011 ippakkja hwejjgu u ddecida li jitlaq mid-dar. L-attrici ppruvat izzommu milli jitlaq, izda inutilment. Wara irruzultalha li mar jghix ma' Marie Louise Muscat.

"L-attrici skopriet li kien qed jisbanka flus mill-Joint Account li kellhom fil-Bank of Valletta, gibed Euro16,000 ghall-kapricci personali, li minnhom tipprettendi nofshom, tella dejn fuq il-Visa Card ta' Euro5,959.34 u lill-attrici zammewlha Euro200 mis-salarju u c-children's allowance. Naqas li jhallas l-*income tax* tieghu. L-attrici tghid li jista' jkun hemm ukoll dejn mad-Dipartiment tas-Sigurta'

Socjali. Qatt ma taha flus ghall-hajja, billi hi kienet tahdem, u thallas it-taxxa taghha. Il-konvenut biegh id-dghajsa li nxtrat waqt iz-zwieg ghall Euro3000 ghalkemm kienet tiswa izjed, u liha ta' biss Euro100, il-kumplament nefaqhom mal-partner tieghu. L-attrici qalet ukoll li l-konvenut issellef Euro6,000 minghand ohtu, u li nofshom intuzaw ghall-komunjoni u n-nofs l-iehor nefaqhom mal-habiba.

"Fis-27 ta' Gunju 2011 l-attrici istitwiet il-proceduri ta' medjazzjoni, fil-Qorti tal-Familja. Kien hemm okkazzjoni meta cemplitlu u nzerta kien mal-habiba, qalilha "toqghodx ittawwalha ghax tinzel u tkissirlek snienek", u kellhom incident hdejn il-garage f'Birzebbugia fejn il-konvenut aggredixxa lill-missierha b'hadida, u dan soffra ferita hafifa, kif konfermat mic-certifikat mediku u dehru il-Qorti fuq dan l-incident wara li ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija.

"Waqt il-proceduri tal-medjazzjoni l-konvenut ta' bhala indirizz tieghu dak tal-habiba, 'Niltan', 106, Triq il-Knisja,Xghajra, Zabbar.

"Ghall-ewwel xahrejn li mar jghix mal-habiba rrifjuta li jhallas manteniment ghat-tifel u fl-14 ta'Novembru 2011 nghata digriet fejn gie ordnat ihallas Euro150 kull erba gimghat u nofs l-ispejjes edukattivi u medici. Billi ma hallax saru proceduri bil-Qorti, u l-konvenut hallas. Hi ddikjarat li lit-tifel qatt ma qaltlu xejn kontra missieru. Il-konvenut tella' fuq il-facebook ritratti tieghu mal-habiba Marie Louise Muscat u ma huha li esebithom u li huma markati Dok G1, G2 u G3.

"L-attrici ddikjarat li wara xi zmien spiccat ir-relazzjoni li kellu mal-habiba u beda jibghatilha l-messaggi li ddispjacih, u li xtaq jirrikoncilja maghha, izda wara dak li ghaddiet minnu l-attrici m'hiex disposta li tirrikoncilja mieghu u tinsisti li tissepara minnu.

"**Il-konvenut Joseph Carabott** xehed bil-mezz ta' affidavit ipprezentat fis-seduta tal-21 ta'Ottubru 2014, mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju (fol.597). Hu kkonferma li ltaqa' mal-attrici fin-1992 u zzewgu f'Marzu 1994. Kienu jinhabbu u kellhom tifel, Ryan li illum ghandu hdax-il sena. Wara li zzewgu l-konvenut ghamel zmien jahdem fuq l-oil rigs fil-Libya, fl-Iskozja u fin-Norvegja. F'dak iz-zmien, billi kien finzjarjament aggevolat kienu jghixu tajjeb u xtraw kull ma kellhom bzonn ghad-dar. Il-mara ghandha impieg fiss mal-Gvern.

"Hu ddikjara li matul iz-zwieg xtraw tlett karozzi godda, nefqu circa Euro55,000, nefqu xi Euro46,000 fuq oggett ghad-dar, u circa Euro3,000 benefikati f'garage li kien mikri ghandhom u issa hu mikri ghand missierha. Xtraw garage, u zewg dghajjes li kienu bieghuhom. Ikkonferma li xi tlett snin qabel, fit-2011 ghaddew minn fazi hazina tant li telaq mid-dar u mar jghix fil-garage, billi ma setax ihallas kera ta' flat. Il-mara gibdet Euro1790 minn kont li kellhom fl-HSBC, u ddikjara li lill-mara ghadu jhobbha u nonostante dak li ghadda bejniethom hu jixtieq li jerga' jirranga maghha. Hu stqarr li qed ihoss hafna il-mankanza tat-

tifel li illum qed jikber u jitfarfar. Hu talab skuza lil matru jekk naqasha u ddikjara li qatt ma kienet l-intenzjoni tieghu li jweggaghha. Bhala assi tal-komunjoni ndika s-segwenti:

“Garage, 12, Marjoe, Triq Salvatore Cachia Zammit, Birzebbugia.
“Ghamara u mobbli fid-dar matrimonjali.

“Bhala passiv ddikjara s-segwenti;
“Euro6,000 dejn fuq credit cards li kienu juzaw ghall-hajja u divertiment.
“Euro6,000 dejn ma’ ohtu Marica Caruana li bihom thallas id-dejn ta’ fuq id-dghajjes.
“Euro8,000 arretrati ta’ taxxa fuq id-dhul ta’ meta kien jahdem barra minn Malta
“Kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-fondi propjeta’ tal-komunjoni tal-akkwisti.

“Fil-kontro-ezami, fol 599, il-konvenut ammetta li wahda mit-tlett dghajjes bieghha minghajr il-kunsens tal-mara biex ihallas il-kera tal-flat li mar jghix fih meta kienu separati de facto. Ammetta ukoll li xahar qabel ma telaq mid-dar matrimonjali kien beda jiffrekwenta lil Marie Louise Muscat (fol.600), telaq lill-mara fil-bidu ta’ April 2011 u mar jghix mal-habiba go flat li krietlu ohtu u ftit wara mar joqghod ghandha u wara xi zmien mar joqghod fil-garage imsemmi li nxtara waqt iz-zwieg. Iddikjara, in oltre, “Wara Marie Louise Muscat kelli relazzjoni ma’ nisa ohra”.

“Fir-ri-ezami kkonferma li fis-sena 1985 kien jahdem mal-Gvern sas-sena 1994 meta zzewweg u min dik is-sena san-1999 hadem fuq l-oil rigs. Sa s-sena 2010 gieli hadem fuq l-oil rigs. Kien jaghamel top ups fit-telephone cards biex jkun jista’ jikkomunika mall-mara meta jkun msiefer, u gibdu Euro6,000 fuq l-Visa Gold Card, li hu ddikjara li nefaq mal-mara f’divertiment.

“**Omm l-attrici, Carmen Polidano**, fl-affidavit taghha (fol.431) ddikjarat li qatt ma kellha problemi mal-konvenut. Kienet rabbietilhom it-tifel biex jkunu jistghu jibqghu jahdmu t-tnejn. Bdiet tinduna li kien qed jibda jwarrab lill-bintha u kien jkun dejjem bin-nervi. Hi ddikjarat li qalilha;

> “Dahal xi hadd bejnietna u ma nistax nkompli biz-zwieg biex tkun taf int ukoll”.

“Fl-1 ta’April 2011 qabad hwejjgu u telaq mid-dar u mar jghix mal-partner tieghu. Kien hemm anke ritratti fuq Facebook taghhom fejn hu kien liebes l-uniformi tax-xoghol. Fl-14 ta’ Gunju 2011 rceviet telefonata minn ghandu u b’ton mhux xieraq qalilha li ried immur il-garaxx ta’ zewgha biex jiehu xi affarijiet li kellu hemmhekk.

“**Missier l-attrici, George Polidano**, fl-affidavit tieghu (fol 432), kkonferma li peress li l-partijiet ma kellhomx fejn joqghodu, gab il-

permess ta' sid il-kera ta' fejn kien joqghod ma' martu sabiex bena sular fuq dak esistenti li kien mikri ghandu sabiex il-partijiet ikunu jistghu joqghodu fis-sular li bena. L-ispejjez tal-kostruzzjoni harighom missier l-attrici filwaqt li l-partijiet xtraw l-ghamara li kellhom bzonn. Kollox kien jidher sew, kellhom tifel, li twieled fil-11 ta' Mejju 2003, izda kellhom xi jghidu, u fl-1 ta' April 2011 il-konvenut qabad hwejjgu u mar jghix mal-partner tieghu.

"Fis-27 ta' Gunju 2011 kien hemm incident vjolenti hdejn il-garage fejn hu gie mal-habiba u binha biex jahbat ghall-bint. Jghid li l-konvenut f'idu kellu hadidha lix-xhud jghid li lahaq hadielu minn idu.

"Dwar il-komunjoni tal-akkwisti, l-attrici, fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, fol 607, tikkonferma li kien sar ftiehem bejn il-partijiet fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2014 li il-karozza JOE-394 tigi assenjata lir-ragel mentri dak kollu li nxtara matul iz-zwieg u li hemm fid-dar matrimonjali jigi assenjat lill-mara, fol 546. Il-karozza Maruti LCA-189 ukoll ghandha tigi assenjata lir-ragel.

"Bhala attiv hemm il-garage 12, Marjoe Triq Salvu Cachia Zammit Birzebbugia, li skond l-istima peritali ghandu valur ta' Euro48,000.

"Hemm ukoll mazra fil-bajja ta' San Gorg, Birzebbugia li l-attrici taccetta li tigi assenjata lir-ragel.

"L-attrici tipretendi li ghandha tircevi minn ghand l-konvenut zewgha, is-somma ta' Euro1,400 bhala sehemha mill-prezz tad-daghjsa li l-konvenut biegh minnghajr ma qalilha. Dan ghaliex bieghha ghall-Euro3,000 u lilha taha biss Euro100 minnhom u zamm ghalih il-bilanc ta' Euro2,900.

"Tippretendi ukoll minghandu s-somma ta' Euro1,500 cioe' nofs l-ammont ta' Euro3,000, billi mill-ammont ta' Euro6,000 li hu ssellef minn ghand ohtu, Euro3,000 thallsu bhala dejn rimanenti fuq il-garaxx, u l-bilanc ta' Euro 3,000 hadhom hu biex xtara l-appliances wara li telaq mid-dar matrimonjali.

"Tippretendi ukoll Euro8,000, nofs s-somma ta' Euro16,000 li l-konvenut zbanka mill-Joint BOV Account Numru 4001 1273 8605 ad insaputa taghha.

"Il-pretensjoni tal-attrici kontra il-konvenut tammonta komplessivament ghal Euro 10,900.

"Fl-istess nota l-attrici indikat bhala passiv is-segwenti;

"Euro35 dovut lill-Perit Edric Micallef.

“Self ta’ Euro6,000 minn ghand oht il-konvenut, Marica Caruana, nofshom intuzaw biex jithallas id-dejn tal-garage u nofshom zammhom il-konvenut, wara li abbanduna d-dar matrimonjali.

“Is-somma ta’ Euro6,522.96 dovuta fuq Visa Gold Card Account 4459 5100 0801 3019 mal-Bank of Valletta plc (xhieda ta’ Romould Attard seduta tal-25 ta’ Gunju 2013) li skond l-attrici ntefqu mill-konvenut ghall-kapricci tieghu. Il-Bank wara dawwar dan id-dejn f’loan ad insaputa u kontra il-volonta’ tal-attrici.

“Is-somma ta’ Euro6,283 dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dovuta mill-konvenut ghas-snin 2008 sa 2011. L-attrici ma ghandha l-ebda pendenza ta’ taxxa minnha dovuta kif ikkonferma ix-xhud John Micallef fis-seduta tal-15 ta’ Lulju 2014.

“Il-kontijiet tad-dawl u ilma huma kollha imhallsin.

“It-total tal-passiv skond l-attrici huwa ta’ Euro18,840.96.

“Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-konvenut issottometta li kien l-agir biered u irresponsabbli tal-attrici li wassal ghall-falliment taz-zwieg. Hu dejjem hadem u stinka fl-interess tal-familja, iddispjacih minn dak li gara u xtaq li jirrikoncilja.

“Hu dejjem kien favorevoli ghall-separazzjoni konsenswali, pero’ ma sabx l-adezzjoni tal-parti l-ohra. Hu ssottometta li m’ghandhux jitghabba wahdu bir-resposabbilita’ tal-falliment taz-zwieg, li ghalih jahtu ugwalment iz-zewg partijiet.

“Dwar it-tifel ddikjara li x-xewqa tieghu hi li jkollu access liberu biex jibni relazzjoni tajba ma’ ibnu anke jekk f’dan il-kuntest ta’ kawza ta’ separazzjoni.

“Il-konvenut issottometta li kien ikkontribwixxa finanzjarjament biex nbena s-sular sovvrastanti dak esistenti mikri mill-genituri tal-attrici. Hu qatt ma kkontesta li d-dar matrimonjali ghandha tigi okkupata mill-attrici mat-tifel taghhom, pero’ rrileva li l-effetti mobbli li jghamru id-dar matrimomjali jiswew Euro46,000 u li dawn thallsu mill-komunjoni. Il-konvenut iddikjara li la l-mara ser tibqa tokkupa id-dar matrimonjali d-dejn ta’ ftit aktar minn Euro18,000 ghandu jithallas minnha (peress li jkun qed jirrinunzja ghal sehemu ta’ Euro23,000.)

“F’dawn ic-cirkostanzi l-konvenut jippretendi li l-garaxx ma jinbieghx u jigi assenjat lilu in soddisfazzjon ta’ sehemu mill-komunjoni.

“**KONSIDERAZZJONIJIET.**

“**Responsabbilta’ Tkissir taz-Zwieg.**

"Mill-kumpless tal-provi irrizulta sodisfacentement illi iz-zwieg tal-partijiet tkisser primarjament minhabba l-adulterju kommess mill-konvenut meta beda r-relazzjoni adultera ma' Marie Louise Muscat. Gie anke ammess mill-konvenut illi wara li giet fi tmiemha r-relazzjoni tieghu ma' Marie Louise Muscat kellu relazzjonijiet ohra ma' nisa ohra. Fil-kontro-talba tieghu il-konvenut rikonvenzjonanti jakkuza lill-attrici rikonvenzjonata b'adulterju, sevizzi, ngurji gravi, eccessi u mohqrija. Minn dan kollu ma rrizulta xejn mill-provi mressqa mill-konvenut. Fihom infishom dawn l-akkuzi jammontaw ghall-ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici.

"L-insistenza tal-konvenut li ried jirrikoncilja mal-attrici wara l-episodji ta' infedelta' m'ghandhom l-ebda valur ghall-finijiet tar-responsabbilita' tat-tkissir taz-zwieg.

Il-Qorti ghalhekk qed issib lill-konvenut unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet minhabba adulterju u ingurji gravi.

"Huma applikabbli fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16.

"Dwar id-data li ghandha tigi stabbilita ghall-finijiet taz-zmien li fih il-konvenut ikkaguna t-tkissir taz-zwieg il-Qorti ma temminx il-verzjoni li ta l-konvenut illi huwa beda relazzjoni adultera xahar biss qabel telaq mid-dar matrimonjali. Huwa telaq mid-dar fl-1 ta' April 2011. Ghal dan il-fini l-Qorti qed tistabbixxi d-data li fiha l-konvenut ikkontribwixxa ghat-tkissir taz-zwieg bhala l-1 ta' Jannar 2011.

"**Manteniment**.

"Fir-rigward tal-manteniment pretiz mill-attrici ghaliha u ghal binha, irrizulta li l-attrici ghandha impieg fiss mal-Gvern u li m'hemmx kontestazzjoni li it-tifel minuri Ryan ghandu jibqa' jirrisjedi maghha.

"Dwar il-manteniment pretiz mill-attrici ghaliha jinghad dan li gej. Irrizulta li l-attrici tahdem u ghandha dhul adegwat. Ma rrizulta xejn li ghandu jwassal lill-Qorti tiddikjara li l-attrici tilfet id-dritt ghall-manteniment minghand zewgha bis-sahha tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 kif qed jitlob il-konvenut rikonvenzjonanti. Pero' sakemm l-attrici jkollha dhul adegwat id-dritt li titlob minghand zewgha manteniment ser jibqa' sospiz. Mhux l-istess fir-rigward tal-konvenut. Huwa qed jinstab responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba adulterju u ingurji gravi u ghalhekk ser jigu applikati fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

"Fir-rigward tal-minuri huwa d-dover taz-zewg genituri, tenut kont tad-dhul rispettiv tal-partijiet u l-htigijiet tal-minuri, li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-ispejjez mehtiega fit-trobbija tieghu. Wara li l-Qorti qieset il-provi rilevanti ghal dan l-aspett tal-vertenza hi tal-fehma illi l-quantum ta' manteniment li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment

ghall-minuri Ryan ghandu jkun fis-somma ta' tlett mitt ewro (€300) kull erba' gimghat oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, liema manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm Ryan jaghlaq tlieta u ghoxrin sena fl-eventwalita' li jkun student full-time wara li jaghlaq tmintax-il sena.

"**Komunjoni tal-Akkwisti.**

"Il-partijiet jaqblu li l-vetturi tal-komunjoni ghandhom jigi assenjati lir-ragel filwaqt li l-mara tibqa' tghix fid-dar matrimonjali mal-minuri, u li jigi lilha assenjat sehem ir-ragel mill-mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali.

"Irid jigi rilevat li id-dar matrimonjali tikkonsisti f'sular addizzjonali fuq ir-residenza tal-genituri tal-attrici, li jokkupaw b'titolu ta' lokazzjoni. Fil-waqt li jirrizulta li l-izvilupp addizzjonali sar bil-permess u l-kunsens tas-sid, ma jirrizultax li sar xi kuntratt ta' divizjoni li minnu jirrizulta li l-izvilupp l-gdid hu propjeta' tal-partijiet jew tal-genituri tal-attrici, billi l-ispejjez tal-kostruzzjoni harguhom huma. Dan qed jigi rilevat billi l-konvenut, fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu (para 13 fol.617), iddikjara li ladarba ma kinitx ix-xewqa tal-attrici li d-dar matrimonjali ma tinbieghx u jinqasam ir-rikavat, kellu jigi assenjat lilu l-garaxx. Gialadarba d-dar matrimonjali mhiex proprjeta' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti stante li qed tinzamm b'titolu ta' kera li jsejjah lil missier l-attrici, it-talba tal-konvenut li l-attrici tigi assenjata d-dar matrimonjali u hu jigi assenjat il-garaxx ma tistax tintlaqa'.

"L-attrici fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha tippretendi li ghandha kreditu kontra r-ragel ta' Euro10,900. Jirrizulta li tali pretensjoni hija gustifikata u ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara li l-attrici ghandha kreditu kontra l-komunjoni fl-ammont ta' Euro 10,900. Il-Qorti qed tassenja lill-attrici sehem il-konvenut mill-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali. Skond il-konvenut sehemu indiviz mill-mobbli jammonta ghal circa Euro 23,000. Il-Qorti hi tal-fehma li sehemu indivizi mill-mobbli huwa anqas tenut kont id-deprezzament b'rizultat tat-trapass taz-zmien. Fi kwalunkwe kaz hija l-fehma tal-Qorti illi l-assenjazzjoni ta' sehem il-konvenut mill-mobbli kollha fid-dar lill-attrici huwa hlas adegwat tal-kreditu li l-attrici ghandha kontra l-komunjoni kif fuq rilevat. B'dan il-mod qed jigi saldat il-kreditu tal-attrici fil-konfront tal-komunjoni.

"Dwar l-passiv fl-ammont ta' Euro18,840.96, l-ammont ta' Euro6,283 arretrati tat-taxxa ghandhom jithallsu esklussivament mir-ragel peress li l-partijiet kienu qed jissottomettu *income tax returns* separati, u jirrizulta li l-attrici hallset it-taxxa kollha minnha dovuta.

"Il-kont tal-perit huwa dovut miz-zewg partijiet.

"Dwar is-self minghand oht il-konvenut Marica Caruana ammontanti ghal Euro 6,000 irrizulta illi nofshom u cioe' Euro 3,000 intuzaw sabiex

thallas id-dejn li kien hemm fuq il-garaxx proprjeta' komuni. Il-kumplament l-attrici sostniet li dawn intefqu mill-konvenut mhux ghall-htigijiet tal-familja izda sabiex seta' jberbaq il-flus fl-avventuri amoruzi tieghu. Il-konvenut ma ressa l-ebda prova sodisfacenti dwar kif nefaq dawn il-flus tenut kont li fi zmien rilevanti kellu impieg u dhul adegwat. Ghalhekk il-Qorti qed tordna illi minn dawn is-sitt elef ewro l-attrici hija responsabbli li thallas Euro 1,500 filwaqt li l-kumplament ghandhom jithallsu mill-konvenut.

"Dwar is-somma ta' Euro 6,522.96 dovuta lill-Bank of Valletta plc fir-rigward ta' Visa Gold Card Account number 4459 5100 0801 3019 il-konvenut jikkontendi fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu li dan ghandha taghmel tajjeb ghalih il-konvenuta ghaliex ser tibqa' tghix fid-dar matrimonjali. Tali ragunament fil-fehma tal-Qorti m'ghandux fondament legali. In vista ta' dak deciz supra l-Qorti tordna illi l-isbanki li saru wara l-1 ta' Jannar 2011 ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut esklussivament, dawk li saru qabel ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut.

"**Decide**.

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza u l-kontro talba billi prevja li tichad l-eccezzjonijet tal-konvenut ghar-ragunijiet fuq imsemmija, :-

"1. Tilqa' l-ewwel talba attrici, tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet jahti unikament il-konvenut minhabba aduterju u konsegwentement tiddikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici, tafda l-kura u kustodja tal-minuri Ryan Carabott esklussivament f'idejn l-omm b'access liberu favur il-missier.

"3. Tichad it-tielet talba attrici ghall-manteniment ghaliha personali in kwantu hija tahdem u ghandha dhul adegwat. Jibqa' rizervat lill-attrici d-dritt li fil-futur titlob manteniment minghand zewgha jekk javverhom ruhhom cirkotanzi li jkunu jintitolawha ghal tali manteniment.

"4. Tilqa' r-raba talba attrici, tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Ryan s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) kull erba' gimghat b'effett millum oltre nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni, liema manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm Ryan jaghlaq tlieta u ghoxrin sena fl-eventwalita' li jkun student full-time wara li jaghlaq tmintax-il sena. Il-manteniment ghall-minuri dovut sallum ghandu jibqa' regolat skond id-digrieti pendente lite.

"5. Tichad il-hames talba attrici.

"6. Tilqa' s-sitt talba attrici, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna d-divizzjoni u assenjazzjoni tal-istess bil-mod kif deciz aktar il' fuq taht l-intestatura "Komunjoni tal-Akkwisti".

"7. Tilqa' s-seba' talba attrici u tikkommina kontra l-konvenut d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

"8. Tichad it-talbiet rikonvenzjonali sakemm mhux kompatibbli mal-akkoljiment tat-talbiet attrici.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut u l-attrici ipproponiet appell incidentali. Madankollu l-attur naqas li jikkawtela l-appell tieghu li allura gie dikjarat dezert u ghalhekk baqa' li jigi deciz l-appell incidentali.

**L-AGGRAVJI TAL-ATTRICI**

**Fl-ewwel aggravju** taghha l-attrici issostni illi l-kreditu taghha ta' €10,900 ghadu skopert bis-sentenza appellata u allura l-konvenut ghandu jkun ordnat ihallas din is-somma lilha. Hija targumenta li fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2014 (fol. 546) il-partijiet qablu li l-konvenut jigi assenjat il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JOE 394 fil-waqt li hija giet assenjata l-affarijiet u xoghlijiet illi nxtraw matul iz-zwieg u li hemm fid-dar matrimonjali. Kwindi l-kreditu ta' €10,900 (li l-ewwel Qorti irrikonoxxiet u qablet li jezisti) baqa' skopert.

Il-Qorti ezaminat l-atti u waslet ghall-konkluzjoni li l-attrici ghandha ragun f'dan l-aggravju. Kif sewwa qalet fl-appell taghha, din is-somma

ma setghetx tigi pacuta ma' xi assi gia` assenjati lilha. Ghalhekk l-appellat incidentali ghandu jhallas is-somma msemmija in aggunta ghal dak deciz mill-ewwel Qorti.

**It-tieni aggravju** jimmerita aktar hsieb; l-appellanti incidentali ma taqbilx li d-djun akkumultati fuq il-BOV Visa Gold Card ghandhom jigu assenjati biss lill-konvenut mill-1 ta' Jannar 2011 izda ghandu jhallas kollox hu anke ghall-perjodu precedenti, ghaliex hija tghid li huwa dejjem nefaq minnha ghall-infieq tieghu personali. Is-sentenza appellata infatti ordnat li l-infieq kollu qabel l-1 ta' Jannar 2011 ghandu jithallas ugwalment bejn il-partijiet.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument tal-appellanti incidentali. Sal-1 ta' Jannar 2011, il-partijiet kienu jghixu flimkien u allura kull infieq li sar huwa prezunt li sar mill-komunjoni tal-akkwisti u a kariku tal-istess komunjoni. Infatti l-Artikolu 1327 tal-Kodici Civili jinkludi fost id-djun tal-komunjoni:

> "(a) il-piżijiet u l-obbliġi marbutin mal-beni skont l-att li bihom ikunu akkwistati;
> "(b) l-ispejjeż u l-obbligi li jkunu saru għall-amministrazzjoni tal-akkwisti, ħlief dawk l-ispejjeż li jsiru b'atti li jeħtieġu l-kunsens taż-żewġ partijiet miżżewġa iżda li jsiru minn parti waħda mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra;
> "(ċ) l-ispejjeż u l-obbliġi, ukoll jekk isiru separatament,għall-ħtiġiet tal-familja magħduda dawk għall-edukazzjoni u t-trobbija tal-ulied;
> "(d) kull obbligu li jintrabtu għalih flimkien iż-żewġ miżżewġin;
> "(e) djun li jkollhom x'jaqsmu mat-tiswijiet ordinarji tal-beni ta' xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, li l-utili tagħha huma magħdudin fl-akkwisti;

> "(f) kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ."

Fil-fehma tal-Qorti, l-infieq li sar bil-karta ta' kreditu msemmija jaqa' taht is-sub inciz (c) fuq imsemmi ladarba ma kienx hemm prova kontra dan. Dan l-aggravju huwa ghalhekk respint.

**It-tielet u l-ahhar aggravju** huwa li l-ewwel Qorti naqset li tordna l-bejgh tal-garage 12, Triq Salvatore Cachia Zammit, Birzebbugia a bazi tal-prezz ta' €48,000 kif stmat mill-perit Micallef (a fol. 531 tal-process). Dwar din it-talba ma hemmx kontroversja ghaliex anke l-appellat incidentali fir-risposta tieghu jghid li jaqbel ma' dan, anzi jghid li kien gia` ippropona dan fil-kors tal-kawza. Jidher ghalhekk car li dan kien zvista tal-ewwel Qorti. Kwindi l-Qorti se tilqa' dan l-aggravju.

**DECIZJONI**

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-appell incidentali billi tilqghu parzjalment u tirriforma s-sentenza appellata billi in aggunta ghal dak deciz, tordna lill-konvenut appellat incidentali li jhallas is-somma ta' ghaxart elef u disa' mitt euro (€10,900) lill-attrici appellanti incidentali u tordna l-bejgh in subasta tal-garage numru 12, Triq Salvatore Cachia Zammit, Birzebbugia a bazi tal-istima tal-perit Edric Micallef a fol. 531 tal-process (tmienja u erbghin elf euro €48,000) u li r-rikavat jinqasam indaqs bejn

il-partijiet. L-ispejjez tal-Ewwel Istanza kif gia` deciz mill-ewwel Qorti; dawk tal-appell principali naturalment a kariku tal-appellant; dawk tal-appell incidentali jinqasmu indaqs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df